**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 289/2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Herman Mula)**

**vs**

**OMISSIS**

**Illum, 8 ta' Mejju 2017**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Omissis;

Akkuzat talli nhar it-12 ta' Dicembru 2015 u fix-xhur ta' qabel din id-data:

1) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll

Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (*mephedrone*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicina, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati, liema medicina instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

4) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

5) Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

6) Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club* jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

7) Talli kkommetta reat waqt li kien taht Ordni ta' *Probation* moghtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Magistrat Dr. A. Bugeja LL.D. nhar it-2 ta' Ottubru 2015, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tordna lill-imputat sabiex ihallas lir-Registratur tal-ispejjez kollha jew parti minnhom li jkollhom x'jaqsmu mal-

hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni ai termini tal-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), kif ukoll l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2017, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames u s-sitt imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni huwa rega' kkonfermaha wara li l-Qorti, ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkunsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, hlief ghall-imputazzjoni numru sebgha. Fid-dawl ta' din l-ammissjoni u anke a bazi tal-provi prodotti, il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni, ir-raba', il-hames u s-sitt imputazzjonijiet, fil-waqt illi minkejja tali ammissjoni, m'hijiex qed issib lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni ossia dik dwar il-pussess aggravat tal-medicina psikotropika u ristretta (*mephedrone*) u dan ghar-raguni li ser tigi spjegata izjed 'l isfel.

Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, jirrizulta illi fil-lejl in kwistjoni, l-imputat instab fil-pussess ta' sustanzi differenti gewwa l-*Playground*, *club* f'Paceville. PS 850 Stephen Micallef xehed illi fil-pussess tal-imputat, huwa sab tnejn u ghoxrin (22) pillola hadra gewwa kontenitur tat-*Tic Tac*, erba' *sachets* b'sustanza hadra, kif ukoll sustanza kannella. Sab ukoll ammont ta' flus kontanti fil-kartiera tal-istess imputat, b'kollox ammontanti ghas-somma ta' seba' mija u sebghin Euro (€770).

Ix-xhud gharaf id-Dokument HM 2[1] bhala s-sustanza misjuba minnu fuq il-persuna tal-imputat. Sussegwentement, kif jirrizulta mix-xhieda ta' PC 1595 Mark Cassar u ta' PC 1302 Clint Zammit, instabet borza mal-art, fil-vettura tal-pulizija tal-RIU fuq in-naha ta' wara tal-istess vettura fejn kien qieghed l-imputat, wara li PC 1302 ra lill-istess imputat jippruva jimbotta din il-borza b'saqajh taht is-*seat* tal-passiggier. Din il-borza kienet tikkontjeni hamsin pillola hadra u wiehed u ghoxrin pakkett b'sustanza bajda. PC 1595 gharaf id-Dokument HM 1[2] bhala l-borza li nstabet fil-vettura.

Mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, jirrizulta illi huwa nghata s-segwenti ghall-analizi tieghu: *Envelope* ta' lewn kannella li fih -

1. *Evidence bag* bin-numru S00828717 li fih xi flus;

2. *Evidence bag* bin-numru S00699121 li fih: (i) plastik li fiha 50 pillola ta' lewn hodor u bicca karta bin-numru 2; (ii) bicca plastik trasparenti li fiha 4 qratas tal-plastik trasparenti li fihom trab ta' lewn abjad u 10c.

3. *Evidence bag* bin-numru S00828718 li fih: pakkett *Rothmans Blu* li fih: (i) 2 boroz li fihom haxix ta' lewn ahdar; (ii) 2 bicciet tal-plastik li fihom haxix ta' lewn ahdar; (iii) sustanza ta' lewn kannella u (iv) kontenitur tat-*TIC TAC* li fih 22 pillola ta' lewn ahdar.

Mill-analizi tal-istess espert u skont il-konkluzjonijiet tieghu jirrizulta s-segwenti:

a) Illi fuq estratti mehuda mill-pilloli ta' lewn ahdar li hemm fid-dokumenti indikati fit-tieni u t-tielet paragrafi *supra*, instabet is-sustanza *3,4-methylenedioxymethamphetamine (MDMA)*. In-numru total ta' pilloli kien ta' 72;

b) Illi fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad indikat fit-tieni paragrafu *supra*, instabet is-sustanza kokaina. Il-piz total tat-trab kien ta' 1.06 grammi u l-purita` kienet ta' cirka 15%.

c) Illi fuq estratti mehuda mill-haxix ta' lewn ahdar fid-dokument imsemmi fit-tielet paragrafu *supra*, instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*. Il-piz tal-

[1] Dan gie esebit mill-Ispettur Herman Mula waqt ix-xhieda tieghu tal-15 ta' Dicembru 2015 bhala kontenenti s-sustanzi li nstabu fuq il-persuna tal-imputat.

[2] Dan id-dokument gie esebit mill-Ispettur Herman Mula waqt ix-xhieda tieghu tal-15 ta' Dicembru 2015 bhala l-borza bis-sustanzi li nstabet fil-vettura tal-pulizija.

haxix kien ta' 1.30 grammi u l-purita` kienet ta' cirka 4.5%. Din is-sustanza tigi mill-pjanta tal-kannabis. Il-haxix l-iehor ta' lewn ahdar li kien go zewg bicciet plastic huma *synthetic cannabinoid* li m'humiex ikkontrollati.

d) Illi fuq estratti mehuda mis-sustanza ta' lewn kannella li hemm fid-dokument indikat fit-tielet paragrafu *supra* instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*. Il-piz tas-sustanza kien ta' 2.20 grammi u l-purita` kienet ta' cirka 5%.

Mill-istess relazzjoni, jirrizulta wkoll illi l-espert Sammut analizza sbatax-il qartas li rrizultaw fin-negattiv ghall-presenza ta' droga. Ghalkemm l-istess espert ma jsemmix dawn il-qratas meta ddeskriva d-dokumenti li huwa nghata ghall-analizi (taht is-sezzjoni 'Kontinwita` t'Evidenza') jidher li dan sar bi zvista, ghaliex sussegwentement, that is-sezzjoni 'Rizultati', huwa jindika dawn il-qratas bhala formanti parti mid-dokument bil-kodici tal-laboratorju 163_12_02 (moghti minnu) ossia d-dokument indikat fil-paragrafu bin-numru 2 *supra*. In oltre jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' PS 518 Anthony Degiovanni li s-sustanza fil-pussess tal-imputat kienet tinkludi 21 qartas b'sustanza bajda, li jikkombacja man-numru ta' qratas analizzati mill-espert.

Biss f'dan ir-rigward, kif inghad, jirrizulta illi dawn is-sbatax-il qartas irrizultaw fin-negattiv ghall-presenza tad-droga u ma jirrizultax ghalhekk, kuntrarjament ghat-tielet imputazzjoni, illi l-imputat kien fil-pussess tas-sustanza *mephedrone*. Ghaldaqstant minkejja l-ammissjoni tieghu f'dawn il-proceduri, l-imputat ma jistax u m'huwiex qieghed jinstab hati ta' din it-tielet imputazzjoni.

Permezz tas-seba' imputazzjoni, imbaghad, l-imputat gie akkuzat talli kkommetta reat waqt li kien taht Ordni ta' *Probation* moghtija lilu minn din il-Qorti, kif diversament preseduta mill-Magistrat Dr. A. Bugeja nhar it-2 ta' Ottubru 2015. Il-Prosekuzzjoni baqghet ma esebietx kopja formali ta' din is-sentenza. Biss il-Qorti tinnota illi fix-xhieda taghha, l-Ufficjal tal-*Probation* xehdet illi hija bdiet issegwi lill-imputat odjern fis-sena 2015 meta ghamlet *Pre-Sentencing Report* fil-konfront tieghu, fuq inkarigu tal-Qorti kif diversament preseduta mill-Magistrat Dr. Aaron Bugeja. Tghid ukoll illi fl-istess rapport, hija kienet irrakkomandat illi l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' *Probation* u li effettivament huwa kien tqieghed taht tali Ordni fit-2 ta' Ottubru 2015 ghal perjodu ta' tliet snin. Tixhed ukoll illi kienet saret denunzja fil-konfront tal-imputat dwar din l-Ordni u li din kienet ghadha qeghda tinstema' fiz-zmien tax-xhieda taghha u cioe` fi Frar tas-sena 2017. Tghid ukoll illi hija kienet ghadha qed issegwi lill-imputat dwar dik l-Ordni. Ghalhekk il-Qorti tqis illi gie ppruvat fil-grad rikjest mil-ligi illi l-imputat odjern kien inghata

Ordni ta' *Probation* permezz ta' sentenza tat-2 ta' Ottubru 2015. Il-Qorti tinnota wkoll illi d-difiza lanqas ma kkontestat illi l-imputat kien tqieghed taht din l-Ordni, izda anzi esebiet dokumenti, ghalkemm informali, sabiex turi li l-imputat kien ghaddej minn proceduri ta' denunzja fir-rigward tal-istess Ordni. Issa naturalment, ghalkemm proceduri ta' denunzja jistghu jwasslu, ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kap. 446, sabiex il-Qorti li tkun qeghda tisma' dawk il-proceduri, titratta mal-*Probationer* dwar ir-reati li fir-rigward taghhom huwa jkun tqieghed taht dik l-Ordni, biss f'dan il-kaz, jidher mid-dokumenti esebiti mid-difiza, illi fit-8 ta' Marzu 2017, dik il-Qorti halliet il-proceduri *sine die.* Ghalhekk ma jirrizultax illi l-Qorti kif diversament preseduta trattat mal-imputat dwar ir-reati mertu ta' dik is-sentenza.

Biss fil-waqt illi l-Qorti tqis illi l-imputat ikkommetta r-reati odjerni waqt il-perjodu operattiv ta' dik l-Ordni, ossia biss xahrejn wara s-sentenza tal-Qorti kif diversament preseduta, madankollu, stante illi din is-sentenza ma gietx esebita, il-Qorti tqis ukoll illi ma tistax titratta mal-imputat dwar ir-reati li taghhom instab hati permezz ta' dik is-sentenza u li jkun perikoluz li taghmel dan sempliciment a bazi biss tal-fedina penali tal-istess imputat. Ghaldaqstant, il-Qorti sejra biss tqis, ghal fini ta' piena, illi l-imputat ikkommetta r-reati odjerni waqt il-perjodu operattiv ta' Ordni ta' *Probation*, minghajr ma titratta mieghu dwar ir-reati mertu ta' dak il-kaz.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti tqis fl-ewwel lok illi l-ammissjoni tal-imputat f'dawn il-proceduri certament li ma kinitx wahda bikrija, tant illi din l-ammissjoni giet registrata fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2017, wara li kienu saru diversi seduti u anke gew iddikjarati maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni.

Tqis ukoll il-fedina penali tal-imputat, kif aggornata sa Frar 2017, u n-natura u s-serjeta` tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, b'mod partikolari illi huwa nstab fil-pussess ta' diversi sustanzi illegali ossia droga, kif ukoll l-ammont ta' tali sustanzi u cioe` 72 pillola *ecstasy*, ammont dan li l-Qorti tqisu bhala wiehed sinjifikanti, 1.06 grammi kokaina maqsuma f'erba' *sachets*, 1.30 grammi pjanta tal-*cannabis*, maqsuma f'zewg boroz u 2.20 grammi raza tal-*cannabis*. Tqis ukoll illi l-ewwel, it-tieni, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet huma lkoll aggravati bid-distanza, ai termini tas-sitt imputazzjoni li tikkontempla dan l-aggravju u li ghalhekk il-piena ghal dawn l-imputazzjonijiet ghandha tizdied bi grad.

Tqis ukoll mill-banda l-ohra illi l-imputat kien minuri fiz-zmien tal-kaz odjern u li ghalhekk fir-rigward tieghu japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-Qorti qeghda ghalhekk tnaqqas il-piena bi grad, anke fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fil-paragrafu ta’ qabel dan, kif ukoll illi l-imputat ghalaq tmintax-il sena inqas minn xahrejn wara l-kaz.

Tqis ukoll is-*Social Inquiry Report* redatt fil-konfront tal-imputat u x-xhieda fit-tul tal-Ufficjal tal-*Probation* Anabel Bugeja. Jirrizulta mill-istess rapport illi l-imputat kellu trobbija certament difficli u l-Qorti ma tistax ghajr tiddeskrivi s-sitwazzjoni tal-imputat bhala sitwazzjoni tassew pjetuza. Jidher ukoll mill-istess rapport illi din it-trobbija kellha sehem importanti fil-hajja kriminogenika li beda jadotta l-imputat. Sahansitra anke l-esperjenzi li huwa kellu fil-passat ma’ professjonisti hallew impatt negattiv fuqu, ghalkemm f’dan ir-rigward ma tistax ma tikkunsidrax ukoll illi minn dak iz-zmien, huwa nghata u ghadu qieghed jinghata ghajnuna minn diversi professjonisti. Tqis ukoll illi ricentement l-imputat beda juri xi ftit izjed motivazzjoni li jircievi l-ghajnuna proposta lilu, ghalkemm mill-banda l-ohra, baqa’ xorta wahda ma jerfax ir-responsabilita` tal-agir tieghu u l-progress kien wiehed ckejken, anke fil-fehma tal-Qorti, motivat mis-semplici fatt illi kien jinsab taht arrest preventiv.

Ikkunsidrat ukoll ghal fini ta’ piena, illi ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) u (f) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-ewwel, it-tieni, ir-raba’ u l-hames imputazzjonijiet.

Dwar is-somma ta’ seba’ mija u sebghin Euro misjuba fil-pussess tal-imputat fil-lejl in kwistjoni, il-Qorti tqis ic-cirkostanzi li fihom instabet din is-somma, mhux zghira, ossia illi l-imputat gie mwaqqaf ghall-habta tal-5.00 a.m., gewwa *club* f’Paceville u li fil-pussess tieghu kellu diversi sustanzi, fosthom kif inghad, 72 pillola *ecstasy*, intizi ghall-ispacc. Dan apparti illi mis-*Social Inquiry Report*, jirrizulta illi matul il-perjodu li l-Ufficjal tal-*Probation* kienet ilha ssegwi lill-imputat ossia minn qabel iz-zmien tal-kaz odjern, l-imputat ma kellux impjieg. Ghaldaqstant il-Qorti ser tordna l-konfiska ta’ din is-somma.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u l-proviso tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) u l-proviso tal-Artikolu 120A(2) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikoli 17(b), (f) u 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, ir-Regolament 3(1)

tal-Avviz Legali 22/1985 u l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat mhux hati tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnha, fil-waqt illi qed issibu hati tal-ewwel, it-tieni, ir-raba', il-hames, is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet u qed tikkundannah fir-rigward tal-ewwel, it-tieni, ir-raba', il-hames u s-sitt imputazzjonijiet ghal piena ta' tmienja u ghoxrin (28) xahar prigunerija effettiva – mil-liema zmien ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-hati inzamm taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li dwarhom qed jinstab hati permezz ta' din is-sentenza – u multa ta' elfejn u mitejn Euro (€2,200) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas mill-hati fi zmien tliet snin mil-lum. B'dan ukoll illi kemm il-darba l-hati jonqos li jhallas dan l-ammont fiz-zmien indikat, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Fir-rigward tas-seba' imputazzjoni, il-Qorti m'hijiex qed titratta mal-imputat ghar-ragunijiet fuq indikati.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez tal-esperti f'dawn il-proceduri, ossia s-somma ta' tliet mija u tmintax-il Euro u sittin centezmu (€318.60) rapprezentanti spejjez konnessi man-nomina tal-espert Dr. Martin Bajada, kif ukoll is-somma ta' mitejn, sitta u tletin Euro (€236), rapprezentanti spejjez inkorsi fin-nomina tal-espert Godwin Sammut, ammontanti b'kollox tali spejjez ghas-somma ta' hames mija, erbgha u hamsin Euro u sittin centezmu (€554.60). Din is-somma ghandha tithallas mill-hati fi zmien tliet snin mil-lum.

Ai termini tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 120A(2)(b) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tas-somma ta' seba' mija u sebghin Euro (€770) esebita bhala Dokument HM, favur il-Gvern ta' Malta, fil-waqt illi tordna r-rilaxx tal-*mobile phone* esebit bhala Dokument HM3 favur il-hati.

Il-Qorti tigbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin dwar in-necessita` u l-importanza li l-hati jinghata l-ghajnuna kollha li ghandu bzonn kemm dwar il-problema tad-droga, anke billi jinghata l-possibilita` li jsegwi programm residenzjali, kif ukoll dwar aspetti ohrajn, inkluzi dawk psikologici.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u s-sustanza esebita bhala Dokumenti HM1 u HM 2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema

dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

Tordna wkoll id-divjet tal-pubblikazzjoni ta’ isem il-hati u dan stante li kien minuri fiz-zmien tal-kaz odjern.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat